IT-TIELET KTIEB
TAT-TLETIN SENA

SETTEMBRU
1954

# IL-MALTI

## QARI

LI TOHROG

*IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

KULL TLIET XHUR

IL-KITTIEBA TA' DAN IL-GĦADD

L-Editur—Festi fl-Irħula faċċ. 65

A. Cremona—Ix-Xebħ ta' Għanja Maltija ma' Ballata Qadima Ingliża ,, 67

Dun Frans Camilleri—*Siġar* ,, 74

Ġuże' Chetcuti—Umanità ,, 75

Ġuże' Gatt—In-Nies tas-Snajja' fl-Ewwel Snin ta' l-Ingliżi f'Malta ,, 82

M. Agius—*Lil Ommi b'Qima* ,, 87

Ger. Azzopardi—Il-Kummiedja ,, 88

V. M. Pellegrini, LL.D.—*Bejn Art u Oħra* ,, 89

ILF.—John F. Marks ,, 90

Vincent Ungaro—*Lill-Madonna tas-Saħħa* ,, 91

Qwiel tal-Biedja ,, 96

DIRETTUR: Dr. Ġużè Galea, M.B.E., M.D., D.P.H.,
29, Sur Santa Barbara, Valletta.

ASSISTENT DIRETTUR: Ant. Cremona,
53, Triq Wara Santa Ubaldesca, Paula.
AMMINISTRATUR: Victor Apap,
22, Triq it-Torri, Tas-Sliema.

IL-MALTI

QARI LI TOHROĠ IL-GHAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI

SETTEMBRU 1954

# FESTI FL-IRHULA

*META jidħol is-sajf u jasal Ġunju x-xahar tal-Qalb ta' Ġesù, jibdew il-festi kbar ta' ħafna mill-parroċċi ta' Malta. Tiżjin, daqq ta' qniepen, mixegħla, logħob tan-nar, marċijiet ta' baned, sparar ta' murtali, infiq ta' flus, xorb, ċapċip quddiem il-vari. Il-poplu tar-raħal jew tal-belt iqum f'xejra ta' ferħ u ta' divertiment; donnu għal jumejn itajjar minn fuqu l-istar tqil minsuġ mill-ħsibijiet, mill-għali, mill-imrar u mit-tfixkil tal-ħajja ta' kuljum. F'dawk il-jumejn ta' lejlet u nhar il-festa xi ħadd qisu jneħħi l-għata ta' tagħfis fuq il-ħajja marsusa u magħluqa tar-raħal u minnufih id-dwejjaq u l-hemm li jkunu ilhom jinġemgħu x-xhur, itiru u jgħosfru mas-suffarelli u d-dħaħen tal-ġogudifogu.*

*Għal jumejn fis-sena r-raħal jieħu sura ġdida, it-toroq jimtlew bi dwal u lwien, is-sqaqijiet jidwu b'leħnijiet ferrieħa. Innies joħorġu minn qoxrithom ta' kuljum, wiċċhom jitbissem, iħossu tqanqila ta' ferħ u ta' hena li ssaħħnilhom demmhom, iġarrbu paċi u sliem li jserrħulhom qalbhom u moħħhom u taqbadhom ġibda ta' ħbiberija għal xulxin.*

*Dan il-fenomenu naturali mhux ġrajja tal-lum iżda ilu magħruf eluf ta' snin, minn meta bdiet tinħażż l-istorja. Fl-akbar epoki u fl-aqwa ċiviltajiet niltaqgħu mal-festi popolari. Il-Feniċi, il-Persjani, il-Griegi u r-Rumani kellhom il-festi tagħhom f'ġieħ l-allat u meta daħal il-Kristjaneżmu l-festi baqgħu jsiru f'ġieħ il-Qaddisin bħala radd il-ħajr għal xi ġrajja kbira. Ir-Riforma qerdet bosta ċerimonji sbieħ reliġjużi u ċivili imma ma rnexxilhiex toħnoq il-ġibda tal-poplu għall-festi u allura flok festi f'ġieħ il-Qaddisin bdew isiru festi taħt għamla ta' ġostri u tornej, fieri, laqgħat tal-logħob u okkażjonijiet oħra. Iżda fejn baqgħet issaltan ir-Reliġjon Kattolika l-festi ma nqatgħux u ssoktaw kull sena bħala turija tar-rabta bejn il-poplu u l-Knisja tiegħu.*

*Jekk wieħed joqgħod jikkunsidra sewwa jsib li l-festi huma effett ta' dik ix-xewqa moħbija li kull bniedem iħoss biex kultant itajjar minn fuqu l-ilġiem ta' l-eżiġenzi tal-ħajja u jagħti sfog għax-xejriet ta' qalbu. Għalhekk il-festi għandhom il-fejda*

*tagħhom; huma qishom jiftħu l-valvoli biex joħorġu l-umuri ħżiena u jserrħu u jfarrġu l-organiżmu.*

*Il-Knisja minn dejjem ħabirket biex tieħu sehem fil-ferħ u fid-dwejjaq ta' wliedha ħalli tmexxihom fit-triq tas-sewwa u s-sliem; Hija fittxet li tagħti sura ta' għaqal u ta' ġabra lil dawn il-festi popolari; għalhekk Hi rabtet dawn il-festi mat-tifkira ta' xi Qaddis ħalli b'riħet hekk jitrażżan it-tbahrid żejjed u jitbiġġel ix-xalar bla raj. Dan il-ħsieb seħħ fiż-żminijiet meta l-Knisja kellha jedd tamar u fl-artijiet fejn in-nies għandhom ħrara qawwija għar-reliġjon. Nies bħal dawn, li magħhom ningħaddu aħna l-Maltin, ifasslu ħajjithom fuq prnċipji reliġjużi, għalihom il-knisja ma hix biss post ta' devozzjoni iżda wkoll hi l-qofol tal-ħajja tar-raħal għax il-ġrajja kollha l-aktar importanti jitwettqu ma' dwarha. Il-Knisja tħaddan il-parroċċjani tagħha minn twelidhom sa mewthom u għalhekk mhix ħaġa kbira jekk huma jersqu lejha fl-aqwa okkażjonijiet ta' ħajjithom.*

*Il-lum il-festi ma għadhomx isiru b'dik il-ħrara u b'dik il-ħeġġa tal-għaġeb ta' tletin sena ilu meta festa f'raħal kienet tqajjem xogħol u ħsieb u tħejjija minn sitt xhur qabel, meta kull wieħed u kull waħda mir-raħal kienu jqisuh bħala għajb għalihom jekk il-festa tagħhom ma tkunx isbaħ, akbar u aqwa minn dik tar-raħal qribhom. Din il-pika ġie li sfat ta' deni u ħsara imma swiet biex żammet sħiħa u ħarkiena l-fehma għat-tkabbir tal-festa. Fi żmienna hawn bosta ħwejjeġ u okkażjonijiet li jokkupaw moħħ in-nies, hawn divertimenti u xalar kemm wieħed irid; madankollu l-festi fl-irħula ma naqsux, għall-kuntrarju għadhom isiru b'entużjasmu kbir. Forsi n-nar tal-ħrara għall-festi ittaffa xi ftit, iżda l-ħeġġa li biha jsiru għadha qawwija u milli jidher dawn il-festi sa jibqgħu jhennu u jferrħu l-irħula tagħna għal żmien twil. J'Alla jkun hekk għax bosta mill-festi tagħna huma tradizzjonali u midmumin ma' l-istorja ta' pajjiżna. X'uħud minnhom ifakkruna f'għemil ta' ħila mwettaq minn missirijietna, fil-fidi tagħhom, fil-qima tagħhom lejn il-Qaddisin, jew f'ħelsien minn flaġelli u minn għedewwa. B'hekk il-festi tagħna għandhom siwi storiku kif ukoll soċjali. Ħafna mill-festi tagħna huma tradizzjonali u nazzjonali u sakemm jibqgħu jsiru bil-għaqal u bil-qalb, jagħmlu ġieh lilna u lil pajjiżna. Nittamaw li x-xejra reliġjuża ma tintemmx mill-festi tagħna u, sakemm ma jsirx dan, il-festi jissoktaw ikattru kull sena fost il-ferħ tal-poplu, il-qima lejn il-Qaddisin u t-tiżjin ta' l-irħula.*

# Ix-Xebh ta' Għanja Maltija ta' Gan Anton Vassallo ma' Ballata Qadima Ingliża

*(Jaqbad mal-faċċ. 47 f'"Il-Malti" ta' Ġunju, 1954)*

*Ta'* A. Cremona

Fil-ħrafa Maltija r-Re, meta ra li Fra Gaspru (għalih Patri Ċintju) kien irnexxielu jagħtih tweġiba bħal dik, li biha ma satax imeriħ, u kellu, għalhekk, jibqa' taħtha,

*"Uh, pacenzia, ir-Re kal f'kalbu,*
*La ma nista' ngħeidlu xejn!*
*Imma l-għokda fadal...... jeħel......*
*—Patri Cintiu, għanna tnein".*

U l-ieħor, biex iktar ikompli jiddieħak bih, jissokta jagħarxu :—

*—"Morniex taijeb, Sire?—kallu,*
*Hariġġ collox chif imiss?—*
*—Fadal issa (ir-Re kal) tgħeidli,*
*Xi ħsieb għandi f'rasi biss."*

Din il-mistoqsija ta' l-aħħar taqbel ma' dik fil-ballata Ingliża kif jixhdu dawn il-versi :—

*—"Now from the third question thou must not shrinke,*
*But tell me here truly what I do thinke."—*

Fra Gaspru fil-ħrafa Maltija jwieġbu :

*"Inti għandech ħsieb, o Sire,*
*Scond chif nara, u nara ciar,*
*Li kuddiemech hawn Fra Cintiu......*
*Jen Fra Gaspru il giardinar."*

Ir-Ragħaj fil-ballata Ingliża jwieġeb ukoll tista' tgħid bħal Fra Gaspru :—

*'Yea, that shall I do, and make your Grace merry:*
*You thinke I'm the Abbot of Canterburye;*
*But I am his poor shepherd, as plain you may see,*
*That am come to beg pardon for him and for me.'*

Ir-Re beda jidħak, u ħalef ħalfa bil-Quddiesa u nfexx igħidlu li talli wieġbu għall-mistoqsijiet kollha sa jaħtar lilu bħala Su-

perjur ta' l-Abbazija flok dak l-ieħor; iżda r-Ragħaj talbu li ma jaqtagħhiex hekk malájr, il-għaliex hu, miskin, la jaf jikteb u lanqas jaqra:

*'The King he laughed, and swore by the Masse,*
*—"I'll make thee Lord Abbot this day in his place!—"*
*—"Now naye, my liege, be not in such speede,*
*For alacke I can neither write, nor reade.—"*

Fil-ħrafa Maltija r-Re flok ma jidħak bħal fil-ballata Ingliża jinfexx igħajjat:—

*"Oh Fra Casp! xitan!—U jommi,*
*Jommi x'dahc li jidhcu bdew!*
*Ir-Reġina waqgħet għaxja*
*Taht l'istatua ta' Pompeu.*

Dawk ta' madwar ir-Re nfexxu jidħku meta raw kif Fra Gaspru rnexxielu jirbaħ l-imħatra u jidħak bir-Re bil-ħażen ta' rasu, saħansitra r-Reġina waqgħet għaxja......

*"Collhadd jaqbes, collhadd jiġri,*
*Ir-Re igiddem pħal disprat;*
*U Fra Caspru ħareġ barra,*
*Jidhac dahc ta spiritat."*

Ir-Re fil-kedda li ħass għax ra ruħu mirbuħ mill-ħażen ta' l-Ajk wera l-karattru ta' bniedem meridjonali li ma jafx jieħu ħwejjeġ bħal dawn biċ-ċajt, u, flok ma wiegħed li jippremja lir-rebbieħ u jżomm kelmtu, infexx f'għajat ta' għadab kbir.

Il-ħrafa fil-għanja Ingliża tintemm billi r-Re, flok ma qata' li jaħtar lir-Ragħaj bħala Superjur ta' l-Abbazija, wiegħed li jgħaddilu, ta' dik iċ-ċajta, erba' skuti (*four nobles*) fil-ġimgħa u qallu biex igħid lis-Superjur tiegħu illi r-Re Ġovanni m'għadux iqisu bħala għadu tiegħu.

Il-ħrafa fil-għanja Maltija tintemm billi tgħid illi l-patrijiet baqgħu bil-kkunvent fejn kienu u li sħabu lil Fra Gaspru kienu tellgħulu statwa f'nofs il-ġnien tagħhom u taħtha nkitbu dawn il-kelmiet: "Illi l-għaref ta' bla spirtu/Xi drabiet ma jiswa xejn".

Ħrafa bħal din fil-proża Maltija, u li f'waħda mill-mistoqsijiet tar-Re taqbel ma' waħda fil-ballata Ingliża u ma nsibuha taqbel ma' ebda waħda mit-tliet mistoqsijiet fil-għanja Maltija, hija dik li hemm fil-*Ħrejjef u Ġrajja* miktubin minn Dun Xand

Cortis taħt l-isem ta' *Is-Sultan ħasbu l-Isqof u kien il-Manus.* Il-mistoqsijiet tas-Sultan kienu dawn :— (a) Kemm jiżen il-qamar; (b) kemm jiswa huwa stess; u (ċ) kif wieħed sinjur isir fqir f'daqqa (5).

Kif naraw ebda waħda minn dawn it-tliet mistoqsijiet ma nsibu li hemm fil-għanja Maltija, iżda t-tieni waħda taqbel ma' l-ewwel fil-ballata Ingliża.

Qabel ma nqabblu t-tweġiba ta' din il-mistoqsija fil-ħrafa Maltija ta' Dun Xand Cortis ma' dik fil-ballata Ingliża ngħidu fil-qosor is-suġġett tal-ħrafa. Sultan li ried jaf dawn it-tliet ħwejjeġ bagħat għall-Isqof Orsini u tah tlitt ijiem żmien biex iwieġeb għalihom. Floku mar liebes ta' Isqof il-Manus li kien soltu jkissirlu l-ħatab, u wieġeb għat-tliet mistoqsijiet. Fil-ballata Ingliża r-Re tah tliet ġimgħat fil-waqt li fil-ħrafa Maltija ż-żmien hu ta' ġimagħtejn u fil-ħrafa ta' Dun Xand Cortis iż-żmien hu ta' tlitt ijiem.

It-tweġiba għall-ewwel mistoqsija fil-ballata Ingliża hija din :—

> *'For thirty pence our Savour was sold*
> *Amonge the false Jewes, as I have been told;*
> *And twenty-nine is the worthe of thee,*
> *For I thnke thou art one penny worser than Hee.'*

Fil-ħrafa Maltija ta' Dun Xand Cortis it-tweġiba tidher iż-jed milquta fejn insibu li l-Manus ħareġ biċċa tal-fidda u qal lir-Re : *Din ix-xbieħa tiegħek, biċċa ta' tletin irbiegħi. Ġuda lil Kristu biegħu 33 irbiegħi, mela inti tiswa tliet irbgħajja inqas minn Kristu.*

Bejn il-versjoni ta' Ġan Anton Vassallo u dik ta' Dun Xand Cortis hemm divrenzja kbira fl-addattament ta' l-ambjent, karattri u drawwiet. Vassallo fil-għanja tiegħu, fl-addament ta' l-ambjent, karattri u drawwiet wera l-akbar sengħa; ħaġa li ma nistgħux ngħiduha fil-versjoni tal-ħrafa ta' Dun Xand Cortis, li milli jidher ma għamilx ħaġ'oħra ħlief qaleb kelma b'klema, iktarx mit-Taljan, il-ħrafa tiegħu.

L-aqwa karattri jew persunaġġi fit-tliet ħrejjef huma tnejn,

(5) Ara "Cotba tal Mogħdija taż-Żmien", 1907, xxxiii, pp. 59-62.

li huma, ir-Re jew Sultan, u f'hekk jaqblu t-tlieta, u f'persuna reliġjuża, Patri ta' kunvent tar-"Rhieb", fil-għanja Maltija, u dan iktarx Patri tal-kunvent tal-Kabbuċċini, u Superjur jew Prijur ta' Abbazija fil-ballata qadima Ingliża, u Isqof fil-ħrafa Maltija ta' Dun Xand Cortis.

Bejn il-leġġenda Ingliża u dik tal-Għanja ta' Ġan Anton Vassallo hemm rabta qawwija fil-ġrajja li turi li din il-ħrafa hija popolari sew fil-pajjiżi ta' Nofs in-Nhar kemm fil-pajjiżi tan-Nord ta' l-Ewropa, iżda r-rabta hi magħżula minn ħaġa importanti, li tagħmel mill-ħajja psikoloġika taż-żewġ nazzjonijiet Ingliża u Maltija f'epoki diversi; waħda ta' żmien Ġovanni (1199) ta' l-Ingilterra, jiġifieri ta' l-ewwel Żminijiet tan-Nofs u l-oħra ta' l-aħħar Żminijiet tan-Nofs li fih jaħkem il-fond tal-ħajja meridjonali bi drawwiet u frażjoloġija Sqallin bħal dik li kellna mill-aħħar żminijiet ta' l-Araguniżi sa għeluq il-Gvern ta' l-Ordni; u fuq hekk naħseb li din il-Għanja ta' Vassallo fost l-oħrajn, għalkemm imkasbra minn xi naqal ta' espressjonijiet volgari neqsin mir-reqqa tar-reguli grammatikali, sintattiċi u tal-prosodija, tibqa' bħala tifkira għażiża ta' l-ewwel ballati popolari tagħna.

* * *

Ħrafa oħra li tixbah ukoll lit-tlieta li semmejna hawn qabel u li f'żewġ ħwejjeġ toqrob lil dik tal-Għanja ta' Vassallo hija dik ta' Franco Sacchetti (6), kittieb tas-Seklu Erbatax, li naqraw fin-"Novelle" tiegħu. Il-ħrafa ta' Sacchetti hija din. Is-Sur Bernabò (7), Sid ta' Milan, għalkemm kien kiefer, kultant kien ukoll jagħmel il-ħaqq. Wieħed Abbati (Superjur) ta' kunvent, li kellu l-ġid, u kellu l-inkariku li jieħu ħsieb iż-żewġt iklieb ta' dan is-Sid, ġie ikkundannat minn għandu li jħallas erbat elef skut, talli kien ittraskuralu l-klieb b'mod li dawn kienu saru jagħmlu għan-nies. L-Abbati talbu jaħfirhomlu u s-Sid wiegħdu li jaħfirlu kemm-il darba jwieġbu għal erba' mistoqsijiet, li kienu :— X'bogħod hemm mill-art sas-sema; kemm ilma hemm fil-baħar; x'inhu jsir fl-infern, u kemm jiswa s-Sid. LAbbati tħawwad, iżda sabiex itawwal talbu jagħtih iż-żmien. Is-Sid tah żmien sal-għada. L-Abbati (jiġifieri s-Superjur) kollu ħosbien

(6) Franco Sacchetti twieled Firenze dwar l-1330 u miet fl-1410. Kiteb mat-300 ħrafa jew novella, fosthom din. Kiteb ukoll xi Taħditiet, xi Ittri u xi Versi. Ara "Per una novella poetica di G.A. Vassallo" ta' Gaetano Farrugia f'"La Brigata", Anno iv, Vol. III, No. 4, pp. 89-91.
(7) Bernabò Visconti, Sid ta' Milan mill-1354 sal-1385.

raġa' lejn il-kunvent u malli wasal iltaqa' mat-taħħân tiegħu li staqsieh x'kellu malli raħ hekk hosbien. L-ieħor fissirlu t-taħbila li fiha kien jinsab u t-taħħân, wara li qagħad jaħseb xi ftit, wiegħdu li għandu jaqilgħu minn dik it-tabxa. L-Abbati staqsieh kif u t-taħħân qallu: "Jien nilbes iċ-ċoqqa u l-kappa tiegħek u flokok nidher jien quddiem Barnabò". Lill-Abbati għoġbitu l-proposta u l-għada t-taħħân kmieni kmieni deher quddiem is-Sid Bernabò liebes bil-ħwejjeġ ta' l-Abbati. Taħt id-dawl inemnem, b'idu l-waħda jgħatti wiċċu, huwa wieġeb għall-erba' mistoqsijiet. Għall-ewwel waħda huwa wieġeb hekk: Mill-art sas-sema hemm sitta u tletin miljun u tmien mija u erbgħa u ħamsin elf u tnejn u sebgħin u nofs mil u tnejn u għoxrin pass. — Kif tafu dan? — staqsieh is-Sid. L-eħor wieġbu: Ibgħat kejlu u jekk ma ssibx bħalma għidtlek, dendilni minn griżmejja. Għat-tieni mistoqsija wieġeb: Fil-baħar hemm ħomsa u għoxrin elf u disa' mija u tnejn u tmenin miljun bittija u seba' bramel u tnax-il-buqar u żewġ tazzi ilma. Staqsieh is-Sid:—Dan kif tafu?—U l-ieħor wieġbu: Jiena rajt mill-aħjar li stajt. Jekk ma temminx ġagħalhom iġibu l-bramel u jkejluh. Jekk ma jsibux li hu hekk, qattagħni bċejjeċ. Għat-tielet mistoqsija, x'qed isir fl-infern, wieġeb illi fl-Infern iqattgħu, jiggranfaw u jgħallqu, sew sew kif tagħmel int. — Kif tafu dan?—staqsieh is-Sid. — Jien tkellimt ma' wieħed li kien hemm. Iżla dan issa miet. Minnu Dante sar jaf dak kollu li kiteb fuq l-infern. Jekk ma temminx, ibgħat ara. Għar-raba' mistoqsija: Kemm tiswa l-persuna tiegħi (tas-Sid)? —L-ieħor wieġeb: Inti tiswa disgħa u għoxrin biċċa.

Meta s-Sid Bernabò sama' dan, kollu mgħaddab dar fuqu u qallu: "Niswa daqshekk ftit li ma nqumx iżjed minn borma?" —Minnufih wieġeb l-ieħor: "Inti taf illi Sidna Ġesù Kristu kien inbiegħ bi tletin biċċa; jien jidhirli li inti tiswa biċċa inqas minnu" — Meta sama' dan, Bernabò deherlu sewwa li dak il-bniedem ma kienx l-Abbati, u, wara li ħares sewwa lejh u ra li dak kien egħref mill-Abbati, qallu: "Inti m'intix l-Abbati". It-taħħân tkexkex bil-biża', inxteħet għar-rkobbtejh u talab ħniena, fejn stqarr li hu t-taħħân ta' l-Abbati u kif u għaliex deher quddiemu liebes xort'oħra biex ma jingħarafx, u dan iktar għamlu biex jagħtih gost milli bi ħjiena. Is-Sid Bernabò fuq hekk wieġbu: "La darba dak għamlek Abbati u tiswa iżjed minnu, irrid inwettqek fil-karika li tak, u rrid li mil-lum il quddiem inti

tkun l-Abbati u l-ieħor it-taħħân; li inti tieħu r-renta tal-kunvent u huwa tal-mitħna''. U hekk kien (8).

Bejn dil-ħrafa u l-għanja Maltija ta' Vassallo m'hemmx dak it-taqbil li forsi nsibu bejn il-ballata Ingliża u l-għanja Maltija fil-qofol ta' l-argument l-iktar fil-persunaġġi. Il-mistoqsijiet fil-għanja Maltija u fl-Ingliża huma tlieta; iżda fil-ħrafa ta' Sacchetti huma erbgħa. Fil-waqt li fil-ballata Ingliża m'hemmx ħlief mistoqsija waħda li taqbel ma' dawk fil-għanja Maltija, fil-ħrafa ta' Dun Xand Cortis ebda waħda ma taqbel ma' dawk li hemm fil-għanja Maltija, iżda mbagħad waħda mit-tliet mistoqsijiet taqbel ma' dik tal-ballata Ingliża u mal-ħrafa ta' Sacchetti. Iż-żewġ mistoqsijiet fil-għanja Maltija li ma jaqblux ma' dawk fil-ballata Ingliża nsibuhom fl-aħħarnett jaqblu ma' l-ewwel żewġ mistoqsijiet fil-ħrafa ta' Sacchetti.

Il-mistoqsija li fil-għanja Maltija taqbel ma' dik fil-ballata Ingliża hija dik fejn ir-Re jistaqsi : *Xi ħsieb għandu f'rasu*. Il-waħda li fil-ħrafa ta' Dun Xand taqbel ma' dik fil-ballata Ingliża u fil-ħrafa ta' Sacchetti hija fejn is-Sultan staqsa : *Kemm jiswa huwa stess*. Iż-żewġ mistoqsijiet fost it-tlieta li fil-għanja Maltija ma jaqblux ma' dawk fil-ballata Ingliża, imma iva ma' dawk fil-ħrafa ta' Sacchetti, huma fejn ir-Re jistaqsi : *Kemm hu għoli s-sema mill-art u kemm fih ilma l-baħar*.

Għalkemm ix-xebh tal-mistoqsijiet huwa l-iktar bejn il-

(8) Sacchetti jagħlaq din il-ħrafa billi jżid u jgħid li, barra din, tingħad ħrafa oħra fejn flok is-Sid ta' Milan jidher il-Papa. Dan, minħabba xi ħtija li jkun għamel ċertu Superjur ta' Kunvent, kien ġagħlu jwieġeb għall-erba' mistoqsijiet ta' din il-ħrafa u ma' dawn żiedlu oħra fejn staqsieh *x'inhi l-akbar ħaġa li kienet qatt ġratlu*. Is-Superjur, meta raġa' lejn il-kunvent ġabar il-patrijiet u n-novizzi u saħansitra l-*kok* u l-*ġennien* u talabhom il-parir tagħhom fuq it-tweġibiet li għandu jagħti lill-Papa. Il-Patrijiet baqgħu ħosbenin bla ma jafu x'għandhom igħidulu; fuq hekk qabeż il-ġennien u wiegħdu li jgħinu u jeħilsu minn dik it-tabxa, bil-patt li jisilfu ħwejġu u jwassluh għand il-Papa l-patrijiet tal-kunvent. U hekk sar. Fuq il-għoli tas-sema wieġeb li s-sema hu għoli daqs kemm jista' jwassal tliet darbiet iżjed il-leħen ta' bniedem; dwar il-fond tal-baħar wieġeb li jinstadd il-fomm tax-xmajjar li jferrgħu fih, imbagħad jitkejjel; fuq kemm tiswa l-persuna tal-Papa qal illi tiswa biċċtejn inqas milli kien jiswa Kristu li tiegħu l-Papa kien il-Vigarju. Dwar l-akbar ħaġa li qatt ġratlu (lis-Superjur), wieġeb li l-akbar biċċa li ġratlu hija dik li minn ġennien sar Superjur. U hekk il-Papa wettqu fil-karika ta' Superjur tal-Kunvent u s-Superjur sar ġennien.

għanja Maltija u l-ħrafa ta' Sacchetti, ix-xebh fiċ-ċirkustanzi tar-rakkont huwa l-iktar bejn l-għanja Ingliża u l-għanja Maltija. Wara li wieħed ixebbah l-erba' ħrejjef u jressaq il-ħrafa ta' Ġan Anton Vassallo mat-tlieta l-oħra, għandu jsib illi Vassallo meta kiteb dik il-għanja kellu iktarx quddiemu, għal dawk li huma ċirkustanzi tar-rakkont, il-ballata Ingliża bl-aħħar mistoqsija li ma nsibuha la fil-ħrafa ta' Dun Xand Cortis u lanqas f'dik ta' Sacchetti. Wara din, kellu wkoll quddiem għajnejh dik ta' Franco Sacchetti fejn l-ewwel żewġ mistoqsijiet jaqblu ma' l-ewwel żewġ mistoqsijiet fil-għanja ta' Ġan Anton Vassallo u fejn ir-raba' mistoqsija taqbel ma' l-ewwel waħda fil-għanja Ingliża. Vassallo ma satax kellu quddiem għajnejh il-ħrafa oriġinali li fuqha Dun Xand Cortis bena l-ħrafa tiegħu bil-Malti għax l-ebda mistoqsija ta' waħda ma taqbel ma' dik ta' l-oħra. Iżda nistgħu ngħidu illi dawk li kitbu t-tliet ħrejjef l-oħra sselfu minn xulxin, għaliex sew fil-għanja Ingliża, kemm fil-versjoni tal-ħrafa ta' Dun Xand u kemm fin-novella ta' Sacchetti, il-mistoqsija fuq *kemm jiswa r-Re* taqbel waħda ma' l-oħra fit-tliet ħrejjef. Mela Ġan Anton Vassallo iktarx sata' ssellef mill-ballata Ingliża u minn fuq in-novella ta' Sacchetti jekk l-argument tal-ħrafa tiegħu ma bniehx kollu kemm hu minn fuq xi ħrafa oħra li aħna ma nafux—jiġifieri minn fuq għanja jew ħrafa oħra li mill-banda l-oħra l-argument tagħha nbena minn fuq it-tliet ħrejjef l-oħra li semmejna jew minn fuq tnejn minnhom li huma l-ballata Ingliża u n-novella ta' Sacchetti.

Ta' min iqis wara kollox illi din il-leġġenda, bħall-ħrejjef oħra li jinsabu fil-Folkore Malti u li nsibuhom jaqblu ma' dawk ta' Sqallija, l-Italja u l-artijiet l-oħra ta' l-Ewropa ta' nofs-in-Nhar u tan-Nord, hija wkoll waħda mil-leġġendi tradizzjonali (li l-lum intsew) li fuqha setgħet inbniet il-Għanja leġġendarja ta' Ġan Anton Vassallo.

# SIĠAR

*Ta'* Dun Frans Camilleri

*Lill-Avukat George Zammit, poeta,*
*b'radd il-ħajr.*

Kull meta qalbi tħoss id-dmugħ tal-weġgħa
minn dawk li minni ma raw qatt ħlief ġid,
niftakar fikom
u nifraħ bikom,
ja siġar, ħbieb kennija,
u nibqa' ħdejkom biss inkun irrid.

Kemm drabi sibt il-kenn fil-ħniena tagħkom
meta lqajtuni taħt dirgħajn ħelwin
u serraħtuni
u farraġtuni
fil-jiem sajfin, qalila,
bid-dell ħanin ta' mriewaħ ħadranin.

B'dirgħajkom miftuħin titolbu s-sema
li jraxxax fuq gżiritna l-ilma bnin
u lil kull sħaba,
qiskom tallaba,
issejħu biex tisqina
u tbierek l-uċuħ tagħna xewqanin.

Imbagħad jixrob kulħadd bis-saħħa tagħkom:
il-ħdura tfeġġ titbissem minn ġuf l-art;
fl-egħlieqi mejta
u f'qalb kull bejta
tħaddar ukoll it-tama
ta' ħajja ġdida bl-isbaħ frott u ward.

Imbierka l-art li żżommkom dejjem wieqfa,
ja siġar qalbenin, biex fit-taqbid
mar-rjieħ qalila
tax-xitwa twila
ma tninu qatt u tibqgħu
b'dirgħajkom miftuħin ixxerrdu l-ġid!

# UMANITA'

## RADJODRAMM

*Ta'* Ġużè' Chetcuti

*Raba' kull fejn titfa' ħarstek. Imxerrda fl-egħlieqi l-bdiewa, irġiel u nisa, qegħdin jaħdmu: min jagħżaq, min jaħrat, min jiżra'. Minn għalqa jinstemgħu l-ilħna tal-bdiewa jgħannu:*

Fix-xemx u fix-xita,
Fis-sħana u fil-ksieħ,
Henjin ilkoll naħdmu
Bla ebda mistrieħ.

*Minn għalqa oħra ħaddiema oħra jwieġbu:*

Fix-xogħol qatt ma nħossu
La sħana u la bard.
X'hemm itjeb mill-ħobż
Li tagħtina din l-art?

*u l-bdiewa mxerrda ma' l-egħlieqi kollha jgħannu:*

Il-ħobż, u l-frott, u l-ward
Ta' din l-art, ta' din l-art,
ta' din l-art.

*Lejlet il-Milied. Ix-xemx ta' nofs in-nhar tħares minn bejn is-sħab lejn dawn il-ħaddiema li, xħin jisimgħu l-"Angelus" idoqq, jitilqu x-xogħol minn idejhom u jagħmlu talba qasira.*

*Tħares lejn dak il-kwadru ta' mħabba u ta' paċi, hemm l-UMANITA', mara mdaħħla fiż-żmien, minn ħarsitha, tidher imħassba. Tħoss ruħha hienja xħin tisma' dak il-għana sabiħ.*

*(L-ilħna tal-ħaddiema jinstemgħu fil-bogħod u bil-mod itennu r-ritornell.)*

*Waqt li tkun hekk imħassba, jasal fuqha, imgħaġġel imgħaġġel, iż-ŻMIEN.*

Żmien : Fejn sejra? X'int tagħmel hawnhekk?

Umanita' : Qed nistrieħ ftit mill-ġenn tal-ħajja.

Żmien : Imma hawnhekk mhux qagħdek. Ma tafx li jien u int irridu nimxu flimkien 'il quddiem, f'ħajja aktar attiva, f'ħajja mimlija aktar bl-agħjat u bix-xogħol?

Umanita' : F'ħajja aktar ta' wġigħ, trid tgħid, aktar ta' tbatija,

ŻMIEN : Hajja progressiva. Kieku ma kienx hekk, kieku n-nies għadha tilbes il-ġild ta' l-annimali u tiekol l-insetti.

UMANITA' : Progressiva, kif qed tħares lejha int. Imma tinsiex li dil-kelma "progress" hi perikoluża ħafna.

ŻMIEN : Progress fl-iżvilupp tal-ħajja, progress fil-moħħ, progress fil-familja, progress fis-soċjetà. Xi trid aktar?

UMANITA' : Kif naraha jien din l-istorja tal-progress qisha ċirku : idur, idur, jimxi 'l quddiem sakemm jerġa' jiġi fejn kien.

ŻMIEN : X'jiġifieri?

UMANITA' : Ha ngħidlek. Għada l-Milied, hux hekk?

ŻMIEN : Iva, għada l-25 ta' Diċembru, il-Milied. B'daqshekk?

UMANITA' : X'ifakkarna l-Milied?

ŻMIEN : It-twelid ta' l-Iben t'Alla, il-Messija.

UMANITA' : Hekk hu. Kristu ġie fid-dinja biex jifdi lili, biex idawwal is-saltna tad-dlam, biex jiftaħ l-imħuħ magħluqa, biex jiżra' l-paċi u l-imħabba. Kienu żminijiet koroh : żminijiet ta' idolatrija, ta' pjaċiri, ta' għana eżaġerat u ta' faqar kbir, min igħix f'libertà assoluta u min igħix maħqur u mjassar. Id-duttrina pagana kienet fl-aqwa tagħha. Gawdi l-lum għax ma tafx jekk għada jisbaħx. Ġie Kristu fid-dinja : għallem il-verità. Għallem illi l-mewt tiftaħ il-bieb għal ħajja oħra. U l-Fidi tiegħu xterdet ma' l-erbat irjieħ tad-dinja. Fejn saltan Kristu, daħlet il-paċi, daħlet l-imħabba. Għaddew mijiet u mijiet ta' snin : il-bniedem kiber fil-għerf u fil-progress, kif għidtli int......

ŻMIEN : Minn dak in-nhar 'il hawn il-bniedem kiber ħafna.

UMANITA' : Imma miegħu kibret ukoll l-ambizzjoni u x-xewqa għall-pjaċir.

ŻMIEN : Kiber fix-xjenza. Qabel kien ibaħħar b'dgħajsa talqlugħ u jieħu x-xhur biex jasal minn art għal oħra. Il-lum...... il-lum fi ftit sigħat bil-baħar jew bl-ajru jaqsam l-oċeani u jsib ruħu f'artijiet oħra, ma' nies oħra li jitkellmu lingwi oħra......

UMANITA' : Kollu minnu. Imma x-xjenza, għalkemm tatni kull mezz ta' pjaċir u ta' kumdità, tellfitni l-hena tal-paċi u ta' l-imħabba li ġiebli Kristu miegħu.

ŻMIEN : Ix-xjenza tatek il-vapuri, l-ajruplani......

UMANITA' : Ix-xjenza tatni t-tajjeb, imma tatni wkoll il-ħażin.

ŻMIEN : Ix-xjenza fetħitlek il-bibien tal-mediċina li kienu magħ-

luqa : il-lum int qed tgħix aktar kuntenta, aktar moħħok mistrieħ mill-mard u mill-mewt.

UMANITA' : Sabiħa u kbira x-xjenza meta l-bniedem jinqeda biha għall-ġid tiegħi, imma ma tistax tkun agħar meta sservi biex titfagħna fin-nirien tal-gwerra. Fil-gwerra l-bniedem isir bniedem bla raġuni bħalma kien eluf u eluf ta' snin ilu meta kien igħix minn fuq l-insetti li jiekol.

ŻMIEN : Il-gwerra kultant ikun hemm bżonnha biex tbiddel u teqred ħafna ideat.

UMANITA' : Fil-gwerra l-bniedem jitlef kull raġuni. Ma jibqax aktar bniedem. Isir annimal. Isir assassin. Ma tiftakarx ftit snin ilu t-tixrid tad-demm ta' nies bla ħtija, ta' missirijiet u ta' wlied li ntbagħtu biex jitqatlu. Il-għajta ta' kulħadd kienet waħda : ġlied u demm. Id-demm iservi biss biex jaħsel l-idejn ta' l-ambizzjoni.

ŻMIEN : Il-gwerra—hekk qal wieħed għaref*—hi ġusta meta hi meħtieġa.

UMANITA' : Aħjar paċi inġusta minn gwerra ġusta. Ma tiftakarx ftit snin ilu meta d-dinja ntefgħet fit-taħwid tal-gwerra : kemm dmugħ, kemm tbatija, kemm sagrifiċċji ! Sigħat twal ta' xogħol f'xemx taħraq jew kesħa li xxoqq il-għadam : il-ħin kollu, lejl u nhar, il-Mewt bħal xabla mdendla fuq ir-ras ta' ommijiet, ta' tfal u ta' xjuħ bla ħtija, nies bil-ġuħ u x'jieklu m'għandhomx, djar li kienu mimlija bil-ferħ issa bil-waħx u bin-niket tal-mewt. Ma tiftakarx kemm suldati żgħażagħ ħallew lil marthom u lil uliedhom id-dar u ħuma marru biex jiġġieldu—jiġġieldu u jmutu. Ma tiftakarx fin-niket u l-biki ta' dik l-omm meta żewġha kien sejjer biex forsi ma jerġax lura......

OMM : Victor, ftakar li ser tħallini waħdi b'żewġt itfal......

MISSIER : Tibżax, jien nerġa' lura ma ndumx......

OMM : Le, int sejjer biex ma terġax tiġi.

MISSIER : Int qed taħseb hekk... Ejjew ħalli nbuskom, uliedi. La nerġa' lura nġibilkom ħafna affarijiet biex tilagħbu.... . biex tilagħbu......

TIFEL : Lili ballun, pà...... ballun kbir......

TIFLA : ......u lili pupa...... pupa......

UMANITA' : ......imma dak il-missier ma reġax lura. miet bħal-

Macchiavelli, "Pensieri".

ma mietu eluf u eluf ta' oħrajn, u għalxejn it-tifel u t-tifla stennew il-ballun u l-pupa.

*(Mill-ġdid jinstemgħu, bil-mod, il-versi tal-bdiewa.)*

Fix-xogħol qatt ma nħossu
La sħana u la bard.
X'hemm itjeb mill-ħobż
Li tagħtina din l-art?

UMANITA': Ara kemm hi isbaħ il-għanja ta' dawn in-nies mill-ġenn u l-ħsejjes tal-kanuni. Taf għax dawn in-nies qed igħixu hienja?

ŻMIEN: Għaliex?

UMANITA': Għax bla ambzzjoni. Għax iridu jgħixu fl-imħabba ta' Kristu. Ismagħhom jitkellmu bejniethom.

L-EWWEL BIDWI: Il-lum nerfgħu kmieni mix-xogħol.

IT-TIENI BIDWI: Għaliex?

L-EWWEL BIDWI: Mel'insejt li għada l-Milied? Dun Sidor ikun irid jarana l-knisja għall-priedka.

BIDWIJA: Il-bieraħ iltqajt ma' Dun Sidor u qalli li l-priedka ser jagħmilha t-tifel ta' Girgor.

BIDWIJA OĦRA: Dak it-tifel Alla jbierku...... moħħu jagħtih wisq. Minn ċkunitu hekk kien...... jibqa' jiftakar kulma jisma'...... lil ommu għidtilha biex iżżommlu werqa żebbuġa fuqu ħalli ma jgħajjnuhulhiex......

L-EWWEL BIDWI: Int, Kol, x'beħsiebek tagħmel, tiġi jew ma tiġix.

IT-TIENI BIDWI: Għadni qed naħsibha. Il-lejla għandhom jiġu għalija xi żewġt iħbieb mill-Belt. Jekk jiġu fteħ'mt li mmur magħhom.

L-EWWEL BIDWI: Int għadek żagħżugħ. Il-ħbieb tal-Belt ħallihom! Dawk moħħhom fuq il-werqa. Ara, jien il-lum xiħ. Għandi fuq spallejja żewġ egħxieren u erbgħa aktar minnek, id-dinja naf x'tagħti.

IT-TIENI BIDWI: Jien għadni żagħżugħ u d-dinja rrid nara x'tagħti, ħadd ma jlumni.

L-EWWEL BIDWI: Kliem ix-xiħ żomm fih. Ftakar li dan ix-xagħar li għandi ma bjadx għalxejn. Ara, jien ngħidlek il-

lum titlifx il-priedka tal-Milied. Hallihom il-ħbieb tal-Belt u mmorru l-knisja flimkien!

BIDWIJA: Sewwa qed igħidlek, Kol...... isma' minnu......

L-EWWEL BIDWI: Isma' minni u ma jibdilekx...... u qabel immorru l-knisja nagħmlu ikla tal-ħbieb, imbagħad induru dawra mar-raħal indoqqu ż-żaqq u l-kitarri...... Għandu jiġi Toni wkoll, aħna ndoqqu u hu jgħanni......

*(Fil-bogħod jinstemgħu ilħna jgħannu.)*

Ninu, Ninu tal-Milied,
Ommi għamlet il-kagħkiet,
Il-kagħkiet tal-qastanija
Santu Rokku bit-tiġrija.

UMANITA': Din hi l-għanja tal-paċi. Din il-għanja tfakkarna f'elfejn sena ilu, fir-ragħajja ta' Betlem. Int tiftakarhom sewwa dawk ir-ragħajja!

ŻMIEN: Niftakarhom ngħidx! Hekk, kienu qishom dawn irraħħala, qalbhom ma kinetx imtebbgħa bil-ħażen tad-dinja. Moħħhom kien ċar u safi bħal jum sabiħ tar-rebbiegħa. Kienu sejrin lura lejn l-egħrejjex tagħhom wara l-ġurnata tax-xogħol meta lemħu dawl fis-sema u semgħu l-kliem ta' l-Anġlu...... U mxew mad-dawl...... u f'għar ċkejken, imħarbat, lemħu mara żagħżugħa u sabiħa tħares u titbissem lil Tarbija f'maxtura, u xħin raw dik it-Tarbija, għajnejha kbar u sbieħ, imneżżgħa, titriegħed mirżuħa, ħassew qalbhom trid ittir bil-ferħ......

UMANITA': Dik it-Tarbija, li għexet u trabbiet fil-faqar, twieldet biex issalva lill-fqar......

ŻMIEN: Twieldet fi stalla fid-dlam u fil-ħmieġ......

UMANITA': Fi stalla, hekk hu. Għax forsi d-dinja mhijiex stalla fejn il-bnedmin bħall-bhejjem jitmiegħku fil-qżież tad-dnub u fid-dlam ta' l-injoranza?

ŻMIEN: Fi stalla, imwieled minn omm li baqgħet xebba.

UMANITA': U l-ewwel li marru jżuruh ma kinux l-għonja ta' l-Eġittu, imma r-ragħajja u r-raħħala fqar, bil-ħmar u bil-baqra magħhom...... Huma, fqar kif kienu, lil dik it-Tarbija ma kellhomx x'jagħtuha ħlief l-imħabba ta' qalbhom.

ŻMIEN: U minn dak iż-żmien għaddew il-mijiet u l-eluf tas-snin......

UMANITA' : Iva, mijiet u eluf ta' snin għaddew minn fuqi mimlija bit-tixrid tad-dmugħ u tad-demm, tar-rebħ u tat-telf. Niftakar........... ......... ........ ...... ...

*(Hsejjes ta' mewġ qawwi jħabbat mal-blat, tgeġwiġ ta' ilħna ta' nies, imbagħad il-ħsejjes tat-tifqigħ tal-ħatab u tan-nar jagħti.)*

L-EWWEL LEHEN : Ara, ara dik il-lifgħa kif inbarmet ma' subgħajh !

IT-TIENI LEHEN : Heles mit-tempesta u ser imut bis-semm tal-lifgħa.

L-EWWEL LEHEN : Dan bniedem ħażin, qattiel...... ser jitħallas ta' kulma għamel......

IT-TIENI LEHEN : Imma, ara, il-lifgħa farfarha fin-nar u ma ġralu xejn......

L-EWWEL LEHEN : Dan għandu jkun xi qaddis......

IT-TIENI LEHEN : Għandu jkun xi alla...... Iskot, ħa nisimgħuh jitkellem.....

SAWLU : Tliet darbiet jien ġejt imsawwat bil-qasab; darb'oħra ġejt imħaġġar; tliet darbiet rajt il-qilla tal-baħar ma' wiċċi, lejl u nhar imkaxkar mal-mewġ. Għamilt vjaġġi ta' tiġrib, rajt sibbien fuq il-baħar, u ħallelin fl-art. Kelli naħrab mill-pagani u sa mill-istess nies ta' art twelidi. Hafna drabi ijen ġarrabt il-għeja u l-uġigħ, il-ġuħ u l-għatx, is-sħana u l-kesħa. Imma dejjem għelibt din it-tbatija għall-Imħabba ta' Wieħed li hu fuq kulħadd, ta' Alla li jista' kollox.

UMANITA' : U dik ix-xrara ta' mħabba San Pawl laqqamha fil-qalb tal-Maltin, u dik il-tilqima ħadet u baqgħet għal dejjem.

ŻMIEN : Dik it-tilqima rebħet is-snin. Għaddiet minn fuq Malta l-qilla tal-Għarbi li ħarbat u qered kemm felaħ.

UMANITA' : Dawk kienu snin koroh......

ŻMIEN : Imma warajhom ġew snin ta' paċi—ġie l-Konti Ruġġieru li ta lil Malta l-bandiera bajda u ħamra, simbolu tan-nazzjonalità u l-individwalità tagħha.

UMANITA' : U hekk is-snin baqgħu u jibqgħu għaddejja, daqqa mtebbgħa bil-għajb tal-jasar u tal-ġlied, u daqqa mżewqa bil-ferħ u bid-dawl tar-rebħa.

ŻMIEN : Malta rat il-jasar tal-fewdatarji Spanjoli.....

UMANITA' : ......u rat il-waħx ta' l-assedju mat-Torok u, żmien wara, il-biża' u t-theddida tal-Franċiżi......

ŻMIEN : ......imma Malta, żgħira fid-daqs kbira fil-qalb, ħarġet dejjem rebbieħa.

UMANITA' : Rebbieħa, għax baqgħet dejjem marbuta mal-Fidi li laqqam fiha San Pawl ma' l-elfejn sena ilu.

ŻMIEN : U hekk, fid-dlam tal-jasar u fid-dawl tal-paċi, għaddiet il-ġrajja glorjuża ta' Malta, waħda mill-eluf ta' ġrajjiet li għaddew minn fuq id-dinja mħabbta.

UMANITA' : Trid tgħid minn fuq l-umanità mħabbta. Għax jien, jien naf matul dawn l-eluf ta' snin x'rajt ma' wiċċi......

ŻMIEN : Isma'...... qed tisma' bħali bħal ħsejjes fil-bogħod......

UMANITA' : Iva, dawk sparar minn fuq il-vapuri u ħsejjes ta' ajruplani għaddejja. Imma għalija aħjar il-paċi ta' hawnhekk, qalb dawn ir-raħħala li baqgħu jgħixu l-ħajja kif kienu jgħixuha mijiet u mijiet ta' snin ilu.

ŻMIEN : Imma jen u int irridu nimxu 'l quddiem flimkien, ma nistgħux nieqfu...... bħar-riefnu li jonfoħ u jkaxkar miegħu kulma jsib quddiemu.

UMANITA' : Hekk hu. Dan hu d-dispjaċir tiegħi li jkolli nimxi miegħek, irrid jew ma rridx. Imma, qabel immorru, ħallini għal waqt wieħed nerġa' nifraħ ma' dawn il-bdiewa fl-innoċenza u fl-imħabba tagħhom. Ara, issa x-xemx nieżla, u dawk ir-raħħala refgħu mix-xogħol tagħhom, u sejrin jitbiegħdu u jintilfu fl-aħħar dija ħamra tax-xemx......

*(Fil-bogħod jinstemgħu l-ilħna tar-raħħala jkantaw.)*

Mid-dar għal ġor-raba'
Mill-ħidma għall-mistrieħ,
Għalkemm ix-xogħol iebes
Għalina sabiħ.
Nifirħu, ja bdiewa,
Ġurnata oħra għaddiet.
Nifirħu, raħħala.
Għax għada l-Milied.

ŻMIEN : Ser iddum taħsibha? Ejja nitilqu!

UMANITA' : Nitilqu! Fejn?

ŻMIEN : Immorru qalb il-ġenn tad-dinja. Għax din hi l-ħajja tal-lum.

T M I E M

# In-Nies tas-Snajja, fl-Ewwel Snin ta' l-Ingliżi f'Malta

*(Jaqbad mal-faċċ. 114 f'"Il-Malti" ta' Diċ. 1953)*

## II. — IL-HADDIEDA, IN-NAGHALA, L-ARMIERA U L-KALDARANA

*Ta'* Ġużè' Gatt

IL-HADDIEDA, in-Nagħala, l-Armiera u l-Kaldarana tal-Belt, Bormla, l-Isla u l-Birgu kienu f'"Għaqda" waħda, taħt il-ħarsien ta' San Eloġju, Isqof, bl-artal, fiż-żmien li sa nsemmu, fil-Knisja tal-Patrijiet ta' Ġieżu tal-Belt.

Mons. Mifsud igħid, fl-"Archivum Melitense", Vol. III, p. 44, li dawn in-nies tax-xogħol ma kinux jilbsu ta' Fratelli, bħal xi Għaqdiet ta' snajja' oħra, u għalhekk jiġi li ma kellhom ebda Fratellanza.

Għakemm dawn l-erba' snajja' kienu flimkien, kull waħda kellha l-Konslu tagħha. B'danakollu, xi drabi, wieħed kien jista' jagħmilha ta' Konslu ta' kemm-il-sengħa. Bħallikieku, fl-1809, insibu li l-Imgħallem Haddied Ġanpatist Muscat, kien Konslu tal-Haddieda, Armiera u Nagħala.

Kif jidher mill-ktieb ta' konsulti tal-Għaqda, l-ewwel darba li Muscat ġie maħtur Konslu tal-Haddieda minn sħabu, kien fil-laqgħa li saret fil-25 ta' Ġunju 1796.

Muscat kien wieħed mill-Imgħallmin l-aktar twajba fis-sengħa tiegħu. Għax għal ħabta ta' l-1791, fi żmien il-Gran Mastru Rohan; wara eżami li għamel, il-Gvern wiegħdu li kellu jilħaq Kapu Mastru tal-Haddieda fil-Ferrerija (Tarzna) ta' l-Ordni, li dari kien hemm flok dak il-bini ta' quddiem it-Teatru Rjal.

Fl-imblokk tal-Franċiżi, Muscat ħareġ mill-Belt, bħal ħafna Maltin oħra, u mar joqgħod Hal Balzan. Fil-11 ta' Marzu 1800, il-Kap tal-Maltin, Alex. John Ball, issokta jaħtru Konslu tal-Haddieda, għall-ħila u l-onestà tiegħu, bis-setgħat u l-qligħ li jitlob dan l-impieg.

Muscat dam għal ħafna żmien Konslu, ta' kull darba jiġġedded minn sħabu, billi dawn il-Konslijiet kienu jsiru għal sena, jew sentejn, kif igħid l-Istatut tal-Għaqda tagħhom.

Għall-ewwel, Muscat kien bil-ħanut il-Belt, fit-triq id-dejqa ta' taħt il-Kwartier ta' Putirjal. Iżda, għal ħabta ta' l-1802,

Muscat ġie msejjaħ il-Palazz mill-Gvernatur Ball u s-Segretarju Pubbliku, Macaulay, fejn wissewh biex ifittex ibattal il-ħanut u joħroġ minn hemm. Muscat wera d-Digriet tal-Gran Mastru lil Ball, ta' meta l-Gvern ta' l-Ordni tah l-imsemm ħanut għalih u għal niesu. Ball ra li, f'dil-biċċa, Muscat kellu raġun. Iżda, billi dak il-post kien meħtieġ ħafna, għax riduh għall-Fizzjal tal-Għassa ta' Putirjal, Muscat kellu joħroġ minn hemm. Il-Gvern tah ħanut ieħor, f'wieħed minn dawk l-imħażen li sa qabel il-gwerra kien hemm taħt l-Università, fi Triq San Kristofru, il-Belt.

Għedna li Muscat kien Konslu ta' tliet snajja': Haddieda, Nagħala u Armiera. Iżda, id-drawwa kienet li kull sengħa taħtar Konslu għaliha. Għalhekk ma nisīgħux ngħidu sewwa kif Muscat kellu dik is-setgħa kollha li semmejna. Tgħid Muscat, li, bħalma rajna, kien ta' ħila kbira, għamilha ta' hekk għal xi żmien, fin-nuqqas ta' Konslijiet oħra? Jista' jkun. Għax insibu li fil-25 ta' Ġunju 1809, l-Imgħallmin Haddieda, bħala Konslu tan-Nagħala, għażlu lil Kustanz Borg.

L-ewwel isem ta' Konslu tal-Kaldarana li ġie f'idejna, fi żmien l-Ingliżi, kien ta' Bastjan Barra, meta dan ġie maħtur, mill-Imgħallmin Kaldarana, f'laqgħa li saret fit-8 ta' Lulju 1804, bħala Konslu tas-sengħa tagħhom.

Li wieħed ikun magħżul minn sħabu, ma kienx biżżejjed biex jiġi magħruf b'Konslu, kemm-il darba dan ma jkunx imgħoddi wkoll mill-Gvernatur li jkun, billi dawn, meta Gżiritna għaddiet f'idejn l-Ingliżi, daħlu f'dik is-setgħa li kellhom qabilhom il-Gran Mastri ta' l-Ordni ta' San Ġwann.

Il-Konslu maħtur jagħmel petizzjoni lill-Gvernatur, fejn jitolbu biex iweftqu fil-kariga li tawh sħabu. Dan jibgħatha l-Qorti, ħalli tistħarreġ il-biċċa hi. Jekk din tgħid li l-għażla tiegħu saret sewwa, il-Gvernatur jgħaddih ukoll.

Il-Konslijiet tas-snajja', barra milli kienu jagħmlu l-eżami lil kull min irid isir Imgħallem, kienu jaqdu wkoll bħala Periti f'kull tilwim li jinqala' bejn il-ħaddiem u min iħaddmu. Kien isir kollox bil-ġurament minn dawn il-Konslijiet. Għalhekk, kemm l-eżami u kemm il-perizja, kienu jsiru dejjeb bir-reqqa kollha, bla ma jżommu ma' dan, jew ma' dak.

Terġa', anqas ma kien biżżejjed li, biex wieħed isir Imgħallem, igħaddi mill-eżami biss. Għax, qabel ma l-Qorti tirrikkmanda lill-Gvernatur, kienet titlob tagħrif dwaru wkoll lill-

Gran Viskont, biex tara jekk hux raġel sewwa. U meta, fl-1801, sar l-Intendent tal-Pulizija, xi drabi, l-imsemmi tagħrif, beda jintalab lit-tnejn, waqt li drabijiet oħra daqqa l-wieħed u daqqa l-ieħor. Iżda dawn kienu għall-ibliet biss. Għax, għall-irħula l-Qorti tistaqsi lill-Logutenent tal-post.

Ukoll meta wieħed irid jaħdem f'xi żewġ snajja' milli semmejna, kienu jagħtuh. Biss irid jagħmel l-eżami minn żewġ Konslijiet. Bħallikieku, Salvu Borg, f'Novembru ta' l-1809, talab biex isir Ħaddied u Nagħal. Għal ta' l-ewwel għadda mill-Konslu Ġanpatist Muscat, u, għal tat-tieni, mill-Konslu Kustanz Borg. Għalhekk, għalkemm l-erba' snajja' kienu f'Għaqda waħda, l-ebda wieħed mill-Imgħallmin tagħha ma kien jista' jaħdem f'xi sengħa oħra minn ta' sħabu, kemm-il darba qabel ma jagħmilx l-eżami mill-Konslu ta' dik is-sengħa li jrid iżid ma' tiegħu. Ara kemm hu hekk. Wieħed li kien jaħdem ta' Ħaddied biss, ried isir Nagħal ukoll. Fuq hekk, biex jilħaq fis-sengħa li talab, kellu jgħaddi mill-Konslu Borg.

Dari, meta kienu jridu jiftħu xi ħanut fil-Belt, jew il-Furjana, inkella fil-Kottonera, kemm jekk dana jkun għal xi snajja', kemm għal xi ħwejjeġ oħra, kienet drawwa li ma jsemmu xejn il-post sewwa fejn iriduh; iżda, fit-talba li jagħmlu għalih, igħidu biss li jriduh f'waħda mill-erbat ibliet.

Fl-aħħar xhur tas-sena 1809, Ċikku Pawlu Vinci talab li biex igħajjex il-familja tiegħu, jixtieq jiftaħ ħanut f'waħda mill-erbat ibliet, u fih jaħdem is-sengħa tiegħu ta' ħaddied, barra milli jagħtuh ukoll li jista' jixtri u jbigħ dak kollu li għandu x'jaqsam ma' din is-sengħa.

Il-Qorti qalet li dana Vinci hu mill-Provinċja ta' Lecce li tagħmel mas-Saltna ta' Napli. Ilu Malta madwar 26 sena. Ġie mibgħut hawn bħala furzat (ħabsi), flimkien ma' oħrajn, mir-Re ta' Napli, biex jaqdfu fuq ix-xwieni ta' l-Ordni (1). Fit-8 ta' Settembru, 1796, il-Gran Mastru Rohan tah il-grazzja tal-ħelsien. Vinci baqa' hawn, jaħdem ta' ħaddied ma' ħaddieħor. Fil-11 ta' Settembru, 1805, talab u qala' li jissokta joqgħod Malta. Issa tħajjar li jiftaħ ħanut għal rasu. Il-Qorti u l-Gran Viskont ma sabu xi jgħidu xejn fih. Għalhekk, il-grazzja tħalliet f'idejn

(1) Dari kienet drawwa li kemm il-Papa kemm il-Prinċpijiet ta' l-Italja, biex igħinu l-Ordni, xi drabi kienu jibagħtulu l-ħabsin tagħhom biex jaqdfu fuq ix-xwieni ta' l-Ordni bla ħlas xejn.

il-Gvernatur. Iżda dan bagħat lura l-petizzjoni ta' Vinċi lill-Qorti, biex f'dil-biċċa tagħmel hi. U din tatu.

Minn dan li għidna naraw, li meta xi barrani jkun ilu hawn żmien, xi drabi kienu jagħtuh ukoll li jibqa' jaħdem is-sengħa tiegħu fost il-Maltin. Iżda, drabijiet oħra, meta missirijietna ġie li sabu ruħhom imfixkla minnhom, qamu malajr biex iħarsu l-għajxien tagħhom minn dawn il-barranin.

Fid-29 ta' April, 1809, l-Imgħallmin Ġennaro Canoni, Ġużè Canonico, Duminku Ferrajoli, Nikol Mancho u Ġużè Flero għamlu petizzjoni lill-Gvernatur. Fiha qalu li huma jinsabu Malta, billi ġew minn Ġibiltà, biex imorru lejn arthom, Sqallija. F'Ġibiltà kien ilhom is-snin jaħdmu fis-sengħa ta' kaldarana, biex jaqilgħu l-għajxien tagħhom. Għalhekk xtaqu jieqfu hawn għal xi 15 jew 20 ġurnata, ħalli bix-xogħol li jagħmlu, jistgħu jfaddlu dik ix-xi ħaġa biex biha jissoktaw il-vjaġġ tagħhom lejn Sqallija. U għal dana, jekk irid il-Gvernatur, għandhom ukoll nies li jagħmlu tajjeb għalihom.

Fil-5 ta' Mejju, fit-tagħrif li l-Qorti tat lill-Gvernatur, wettqet dak li qalu l-kaldarana Sqallin. U billi ma sabet tgħid xejn ħażin fuqhom, kienet tal-fehma li jista' jagħtihom dak li xtaqu. Biss, malli jispiċċa ż-żmien li talbu, ifittxu jitilqu minn hawn.

Il-Gvernatur qata', fis-6 ta' Mejju, li jsir kif qalet il-Qorti.

Iżda dan ma kienx biżżejjed għall-Isqallin. Għax Malta għoġbithom ħafna, u riedu jibqgħu iżjed. Fuq hekk Ġennaru Canonico għamel talba oħra lill-Gvernatur. Fiha qal li hu l-Kap tal-Kumpannija tal-Kaldarana li hi mgħaqqda minn 10 min-nies. Bħalma jaf, għamlu żmien jaħdmu s-sengħa tagħhom f'Ġibiltà. Iżda, billi huma minn Sqallija, riedu jmorru lejn arthom. Għaddew minn Malta; imma hawn, b'għalja kbira tagħhom, sefgħu mgħarrfa li Gżirithom waqgħet f'idejn il-Franċiżi. Għalhekk ma jistgħux imorru lejn arthom. Huma jinsabu qegħdin f'Malta billi l-Gvernatur għoġbu jagħtihom is-setgħa li jaħdmu hawn, fis-sengħa tagħhom, għaż-żmien ta' 20 jum, li waslu biex jispiċċaw. Minħabba l-ħila kbira li wrew fil-ħidma tagħhom, il-Maltin imorru għandhom bil-kotra. Sa mill-ibgħad irħula ġew biex isewwulhom dawk il-ħwejjeġ tar-ram li kellhom bil-ħsara. Dawn mhux biss raw li x-xogħol li sarilhom kien maħdum b'sengħa kbira, imma sabu wkoll li qablilhom ħafna, billi ħallsu ftit. Għax b'hekk ħelsu bin-nofs li drabijiet oħra kienu jeħlu għand ħaddieħor. Barra minn dan, bosta xogħlijiet qodma li mill-Maltin kie-

nu magħduda li m'humiex tajbin iżjed, huma sewwewhom u ġabuhom ġodda.

F'idejhom għandhom ħafna xogħol li dalwaqt jispiċċawh. Terġa' ta' sikwit iġibulhom ħwejjeġ bil-gzuz biex isewwuhom. Iżda ma jittarrfux iżommuhom, billi, tista' tgħid, għoddu spiċċa ż-żmien tal-permess li tawhom. Fuq hekk talbu lill-Gvernatur li jtawlilhom il-qagħda tagħhom hawn għal xahar ieħor jew iżjed, kif jogħġob lilu, billi dil-ħaġa hi ta' bosta ġid għan-nies tal-Gżira, fil-waqt li huma mhejjija li jġibu xi Malti biex jagħmel tajjeb għalihom, kemm-il-darba jidhirlu li jinħtieġ li jsir hekk.

Il-Gvernatur tahom, fl-24 ta' Mejju, ix-xahar li talbu.

Għall-miġja ta' dawn il-kaldarana barranin fi Gżiritna, u l-qagħda tagħhom hawn, l-Konslu tal-kaldarana Maltin, li fiż-żmien li qed insemmu (1809) kien Ċikku Schembri, għamel petizzjoni lill-Gvernatur f'ismu u f'isem sħabu tas-sengħa tiegħu. Fiha qal li f'Malta, bejn imgħallmin u lavranti, jinsabu 24 kaldarana barranin. Dawn ħadu l-ftit xogħol li hawn, u b'hekk qed itellfu l-ħobż lill-Maltin. Iżda, għalkemm iż-żmien li ngħata lilhom mill-Gvernatur, biex jistgħu joqogħdu hawn, ilu li spiċċa minn xi jiem (Schembri ma kienx jaf bix-xahar ieħor li tawhom), dawn baqgħu f'Malta, jieħdu x-xogħol tal-Maltin. Għalhekk talbu biex jieħu ħsieb tal-ħsara li qed issir.

Il-Qorti, wara talba mill-Gvernatur, biex tagħtih tagħrif dwar din it-tilwima, qablet, fid-9 ta' Ġunju, 1809, li t-talba tal-kaldarana Maltin tiġi mismugħa u milqugħa, billi, l-imsemmija kaldarana Sqallin, kellhom jitilqu minn hawn, malli jispiċċa ż-żmien mogħti lilhom, kif hekk sar wara bl-ordni tal-Gvernatur.

Għalkemm il-"Għaqda" tal-Ħaddieda, eċċ., bħalma għarrafna, kellha l-Artal tagħha f'Ta' Ġieżu, u fiha kienet tiġbor innies ta' dawn is-snajja' tal-Belt, Bormla, l-Isla u l-Birgu, b'danakollu magħha jagħmlu wkoll dawk ta' l-irħula li kienu jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Kistlanija. Iżda, biex niftiehmu aħjar, ikollna mmorru daqsxejn lura. Fil-bidu li Malta għaddiet f'idejn l-Ordni, Gżiritna ġiet maqsuma f'żewġ Taqsimiet. Innaħa tal-Lvant bdiet tagħmel sehem mal-Qorti tal-Kistlanija tal-Birgu, u wara tal-Belt. L-oħra tal-Punent baqgħet ma' dik ta' l-Imdina. Mela, f'Malta, kellna żewġ Qrati, bis-setgħat kollha tagħhom, magħduda wkoll il-mewt. Fi żmien l-Ingliżi baqgħu hekk ukoll għal xi snin. Minn dan naraw il-għala xi wħud mill-

irħula kienu jagħmlu mal-Qorti tal-Belt, u mhux ma' dik ta' l-Imdina.

Fl-1811 insibu li wieħed minn raħal ried isir ħaddied. Fuq hekk, eżaminah il-Konslu Pawlu Borg, bin Baskal, mill-Belt. It-tagħrif lill-Qorti tal-Kistlanija, dwar dak li tħajjar biex isir Imgħallem, għamlu l-Logutenent tal-Qrendi.

L-imsemmi Borg sar Konslu tal-Ħaddieda minn sħabu flok Ġanpatist Muscat, f'laqgħa li saret fil-25 ta' Ġunju, 1811, fil-Knisja ta' Ġieżu, quddiem l-Altar tal-Protettur tagħhom, San Eliġju, Isqof. U mill-Gvernatur twettaq fit-3 ta' Lulju.

Mons. Mifsud igħid (Archivum Melitense, vol. III, p. 42) li dawn in-nies tas-Snajja' baqgħu, sa l-1835-40, jagħżlu l-Konslijiet tagħhom.

*(Jissokta)*

---

## LIL OMMI B'QIMA

*(F'għeluq il-Ħames Sena minn mewtha)*

*Ta'* MARIO AGIUS

Bħal-lum fil-għodu
Ħames snin ilu
Fis-skiet ta' darna
Bla wisq batejt:
Sew sew f'nofs siegħa
B'talb u ħars kiebi
F'did-dinja lilna
Bla ridt ħallejt!

Qatt, qatt, ma ninsa
Kif waqt li jiena
U oħti ħdejja
Konna nkellmuk:
Inti f'idejna
Intlaqt għal kollox
X'ħin lejn is-sodda
Ġejna noħduk!

Għalik bi ħlewwa
U b'qima kbira
Maħbuba ommi:
It-talb li ħiereġ
Fl-imkien ma' bewsa
Il-lum minn fommi!

Villa Lija, 31. VIII. 54.

# IL-KUMMIEDJA

*Ta'* Ger. Azzopardi

Mort rajt tiġrija u wara l-korsa kulħadd jilheġ bil-għeja u ħsiebi mar fuq il-kummiedja tal-ħajja.

Lejl u nhar it-tiġrija għaddejja, ħsejjes il-mixi ma jieqfu qatt, deni ta' żiemel fuq kulħadd, min jiġri, min jimxi, min iwerrek, min jofrok, min igħaġġel, kulħadd ihejji ruħu u ġismu biex jilħaq bħal ħaddieħor jew qabel ħaddieħor, ħadd ma jrid jibqa' lura.

Hares lejhom dewwidija, jitkaxkru 'l quddiem, nisa u rġiel, għonja u fqar, kbar u żgħar, sbieħ u koroh, għorrief u boloh, kapitalist u ħaddiem, qaddis u midneb, avukat u qattiel, pulizija u ħalliel, imħallef u ħati, tabib u marid, perit u bennej, isqof, qassis, patri u soru, saħansitra "Les Gavroches" — mill-Barrakka — ikaxkar lil ħutu!

Kulħadd iħokk ma' xulxin, ħallata ballata, m'hemmx tfittxija ta' klassi jew partit, kulħadd ifendi għal rasu. Min jitlob, min jidgħi, min ifaħħar, min jisħet, min jidħak, min igħanni, min jibki u min igorr u jingħi, imma kulħadd miexi flimkien fit-tiġrija bla tmiem, għax min jieqaf jistrieħ jibqa' f'nofs triq.

Min jitwieled irid igħix u biex igħix irid jimxi, ikollu jieħu sehem fit-tiġrija. It-tarbija tistenna li tikber, il-fqir jistenna li jistagħna, il-maħkum jixtieq li jaħkem, il-lavrant iħabrek biex isir imgħallem, l-imgħallem jirsisti biex isir *manager*, l-istudent irid isir is-surmast, il-kapitalist ihewden biex l-eluf jagħmilhom miljuni, min għamel fabbrika jrid jifdiha l-għada li bdiet taħdem, min għandu dar irid jagħmel palazz u l-prinċep ikollu seba' mitt sena sa ma jsir re.

Fit-tiġrija kulħadd iħaffef, il-għaliex inkella jibqa' lura. Min għandu n-nifs u s-saħħa jaqta' 'l quddiem, min għandu stonku xieref iġerrah kollox, min jiflaħ erħilu jimbotta, iwarrab min-nofs lid-dgħajjef, igħaffeġ lill-magħtub u jisħaq liċ-ċkejken, basta hu jieħu l-ewwel fit-tiġrija tal-ħajja!!!

Hemm il-ġid, hemm il-għana, hemm id-deheb, li kulħadd iħobb—mhux iċ-ċawla biss—hemm l-ambizzjoni, hemm il-vanità, l-aqwa tliet ħwejjeġ li jħeġġu 'l umanità fit-tiġrija bla waqfien. L-ambizzjoni hi dik li għamlet id-dinja tal-lum, il-vanità hi dik li dejjem mexxietha u tibqa' tmexxiha u l-unuri huma l-aqwa wiri

tal-vanità, il-foħrija hi l-molla li tgħolli l-bniedem; faħħar lir-re u jagħtik medalja, maqdru u jitfgħek il-ħabs, faħħar lil kulħadd u kulħadd igħid kemm int raġel, iżda tkellem ċar, kif tħoss fuq dak li jkun, u jgħidulek kemm int goff, pastaż, m'intix tajjeb għas-soċjetà, għaliex il-vanità ma tridx ħlief ipokrisija. Il-vanità qiegħda fuq kulħadd, ibda mill-qattus u d-dundjan u ibqa' sejjer sa l-ogħla bnedmin, għad li kollha jgħidu li ma humiex vanitużi.

U din it-tiġrija tibqa' sejra sakemm ir-riġlejn jegħjew, il-qalb tieqaf mit-taħbit, il-għajnejn irabbu ż-żliega u r-ruħ biss li tibqa' u ttir. U l-kummiedja tispiċċa billi jeħduh ta' "povru" u jidfnuh fil-komun jew b'funeral gwapp, b'qabar mhux imżanżan u monument li jfakkar it-tieba u l-avanz tiegħu fil-ħajja u...... s-sliem jalla...... mit-trab għat-trab ! ! !

## BEJN ART U OHRA

*Ta'* V. M. PELLEGRINI

Hawn Malta qatt ma rajna
'l artna miksija
donnha b'liżar;
qatt le ma stħajjilnieha
rieqda bla ħajja, kiesħa,
kważi fis-silġ imgeddsa,
jew mejta għal kollox
u mkebba ġo sudarju bħal ta' Kristu.

Qatt ma rajnieha hekk dil-gżira tagħna
u għalhekk jonqos ġo moħħna
xi ħaġa ta' sbuħija liema bħalha
u fl-istess ħin
ta' biża' u ta' twerwir.

Jien rajt artijiet oħra hekk imlibbsa
u ħassejt tkexkix fija tassew ikreh;
iżda beżżagħni l-iktar għasfur ċkejken
mitluf fuq dak is-silġ
ifittex qamħa.
U fraħt x'ħin ftakart f'Malta
u f'dik il-ħniena li l-Mulej jurina
kull ħin u kull mument.

# JOHN F. MARKS

Fl-erbatax ta' Settembru li għadda, imfarrag bis-Sagramenti tal-Knisja Mqaddsa, John F. Marks temm il-ħajja ħarkiena tiegħu li kellha bidu fl-Isla sittin sena qabel.

Missier li ħabb dejjem 'il-familja, bniedem li qatt ma naqas lil ħadd, ċittadin li ħa sehem fil-ħajja pubblika, wieħed mit-tradejunjonisti Maltin tal-bidu nett, huwa ikkontribwixxa għadd kbir ta' artikoli fuq l-affarijiet ta' l-Istat u tat-*Trade Unions*, fosthom komment meqjus dwar ir-Rapport ta' MacLeod.

Johnny Marks kien magħruf bħala bniedem li jaqbeż għal min għandu bżonn tal-għajnuna, u għalhekk ma kienx imurlu ħaddiem, student, ħabib biex jitolbu jiktiblu petizzjoni, jagħmillu pjaċir jew jiġġilidlu għad-drittijiet tiegħu,li ma kienx joħroġ minn dar Marks ibierek il-qalb kbira ta' "Johnny".

L-Ilsien Malti sab f'Johnny Marks wieħed mill-ħbieb tiegħu sinċieri, wieħed minn dawn il-ħbieb veri li ma jħobbux għall-interess; għax tabilħaqq Johnny Marks qatt f'għomru ma kien jaf x'inhu interess.

Kienet l-idea ta' Marks dik li fid-Dar tal-Haddiema, l-Isla, miftuħa fil-bidu ta' l-Awtonomija, tinfetaħ *Kamra tal-Qari* mżejna bir-ritratti tal-kittieba Maltin qodma u moderni.

Fl-1953 qala' l-"Imperial Service Medal which Her Majesty The Queen has been graciously pleased to award to you in recognition of the meritorious services which you have rendered", kif ġie mfisser f'ittra mibgħuta lilu mill-Awtoritajiet Imperjali.

Bil-Malti jew bl-Ingliż, Marks kien jikteb bl-istess faċilità li biha kien jitkellem dawn iż-żewġ ilsna. Għalhekk il-kitba tiegħu ma tillimtax ruħha għal artikoli biss. Mili-pinna tiegħu ħarġu versi, ħafna novelli ħelwin kif ukoll *essays* ta' siwi tajjeb letterarju. Fost l-opri tiegħu pubblikati (l-inediti la huma ftit u lanqas, milli jidher, ta' valur żgħir) qala' ħafna tifħir il-ktieb "Tejbilhom Hajjithom" li, forsi, l-isem ġeneriku tiegħu ma jixhedx biżżejjed l-importanza tas-sensiela tan-noveli li fih. Il-kitba letterarja ta' John F. Marks għad trid tiġi magħrufa skond ma jistħoqqilha mill-kompilaturi tal-kotba u l-antoloġiji. Min hu mżejjen bl-umiltà u bil-modestja jibqa' ħafna drabi, u b'xorti ħażina għal-Letteratura, bla ma hu magħruf.

La semmejna l-modestja, joħroġ naturali l-fatt li J.F. Marks dawwar fl-Ingliż mil-lingwa Taljana opri li dehru taħt isem ħadd-

ieħor li żamm (għax Marks modestament hekk ried) it-tifħir kollu għalih biss.

Il-lum in-nuqqas tal-kelma ta' Marks sejra tinħass. Imma għallanqas nittamaw li xi biċċa mix-xogħlijiet tiegħu letterarji ma jindifnux miegħu għax il-kitba tiegħu għandha ssib il-kritiku ġust u l-kompilatur għaqli ta' kotba li jagħraf jagħti lil Marks il-post li jistħoqqlu fil-Letteratura Maltija. ILF.

## LILL-MADONNA TAS-SAHHA

**(B'tifkira tal-Jum Marjan għall-Morda ta' Malta)**

**Fil-Ġonna ta' Sant'Anton, 22. 5. 54.**

*Ta'* VINCENT UNGARO

Rajthom il-morda miġmugħin ġol-ġonna
Ta' Sant'Anton b'dehriet ta' Lourdes u l-Ġenna:
Rajthom iħarsu Lejk, Helwa Madonna,
Fil-waqt li trejqu tas-Smewwiet bil-benna.

U rajt li ruħ kulħadd bdiet Bik tithenna
Fis-skiet ta' talba waħda, ħierġa donnha
Magħsura minn ġo qalb ilha tistenna
Is-saħħa mbierka li tant kellha bżonnha.

Imbagħ'd bħal raxx sabiħ ta' dawl u dija(1)
Tħallat mal-ward ifuħ u l-għana ħlejju
U żdied madwarna l-ġmiel u l-armonija.

Tħallix, Madonna, jgħaddi fuqna Mejju
Mingħajr ma nifhmu l-ġid ta' kull tbatija:
Sabbarna Int biex triqna għall-Ġenna nhejju.

23. 5. 54.

(1) Meta l-Kwadru Mirakuluż tal-Madonna tas-Saħħa kien qiegħed jittieħed madwar il-morda, feġġet ix-xemx sabiħa minn wara l-għata ta' sħab ħafif li qabel kien qiegħed jaħbiha.

## BIDLA TA' ISEM

Il-pubbliku huwa mgħarraf li l-Għaqda tal-Kittieba Żgħażagħ issa sar jisimha Għaqda Letterarja Maltija.

V. CARUANA,
*Segretarju.*

# Reċensjonijiet

**LAURENT ROPA** — Le Tombeau de Bou-Ras. — II. La Prière a Hippone. Poemes. Le Mans. Imprimerie Charles Monnoyer (1953).

*La Prière a Hippone* hija ġabra ta' poeżiji bil-Franċiż miktubin minn Ropa u tifforma t-tieni waħda mis-sensiela ta' poeżiji ma' l-ewwel waħda li kien ħareġ l-Awtur fl-1950 taħt l-isem ta' *Le Jardin De l'Allélik*.

Fil-waqt li fl-ewwel ġabra l-ħsieb tal-poeta jixxiel fuq il-ġmiel tan-natura li minnha jisraq l-isbaħ kwadri u jixgħel bin-nirien ta' l-immaġinativa kollha kemm hi mżewqa b'idejiet oriġinali, f'din il-ġabra ta' versi fi ħsieb il-poeta jsaltan is-sentiment reliġjuż kontemplativ u estatiku quddiem il-warrani u ż-żmien tal-lum: f'dawn il-versi għajnejn il-poeta jidħru jħarsu lejn dak li għadda minnu f'torbitu u f'żgħożitu u lejn dak li fih jinsab il-lum — jiġifieri huma versi iktarx awtobijografiċi fejn bħal fi ħġieġa prismatika tara r-ritratt psikoloġiku ta' ruħ il-poeta.

Fid-daħla tal-versi tiegħu l-poeta jistqarr li "s'issa l-għana tiegħu kien għannieh *bla ma jaf għalfejn* u leħnu ntilef fi triqat tad-dlamijiet tad-dinja. Iżda "l-bieraħ Kristu ġie jżuru", u għalhekk il-versi tiegħu jitkellmu kollha fuq din iż-żjara u fiha jħoss il-għajta tar-ruħ li stenbhet mill-qiegħ tad-dlamijiet—mill-ġlieda spiritwali ta' bejn il-Ħażin u s-Sewwa u r-Rebħa tas-sentiment reliġjuż li baqa' jgħix fl-irkejjen ta' qalb il-poeta minn torbitu f'ħoġor ommu. Dan huwa jfissru aħjar b'introduzzjoni oħra ta' biċċa proża poetika li taha l-isem ta' "Le Soir" biex juri dak li ħass filħinijiet ta' fil-għaxija ta' għomru—il-ġabra fih innifsu fejn ir-ruħ, mixgħula b'tamiet ġodda, ħielsa mid-degħbien ta' dina l-art bdiet tgħix fiddawl ta' xemx ta' sema ħiemed u safi fejn il-ħolm kollu tad-dinja jiksaħ u jgħib u l-qalb issib is-serħ tagħha fit-talb. U għalhekk jagħlaq b'dawn il-versi:

> *"Voici le soir, ma tâche est accomplie,*
> *Rentrons, ô mon âme, et prions."*

*La Prière a Hippone* huwa l-isem ta' l-aħħar poeżija li hija t-tmien waħda u b'dan l-isem ukoll l-Awtur semma l-ktieb ta' din il-ġabra ta' poeżiji għax fiha tiġbor il-qofol tal-ħsieb axxetiku li jaħkem, tista' tgħid, filpoeżiji l-oħra: fil-poeżija *Sur la Front d'un Vieiard* fejn fuq il-għatba taxxjuħija l-poeta, wara dak li ġarrab mid-dinja ifittex xi dawl li joħorġu mill-belliegħa tad-dlamijiet u jilmaħ fuq il-għolja n-nar tar-ragħajja — dehra evanġeika tar-ragħajja mqajmin mill-aħbar tat-Twelid tal-Messija; f'*A Mon Chant*, fejn il-poeta jistqarr li għandu misrur ġo qalbu—minn żmien torbitu—dik il-għanja ta' leħen is-sienja, qalb il-ħdura tar-raba' ta' Bona, fejn missieru u ommu, kienu rabbewh, wara li ġibuh tarbija minn Għawdex, u fejn ruħu, jistħajjilha, bħall-bramel tas-sienja, jogħdsu battala u jitilgħu mfawra bl-ilma kollhom dija ta' ferħ; fl-*Orgueil de ma Jennesse* fejn il-poeta jfisser li fil-ħidma letterarja tiegħu qatt ma ħaseb biex iżejjen ġbinu bil-ward u bir-rand, iżda li jissoddisfa l-passjoni morali fixxogħol tal-kitba—il-ħolma tiegħu li fit-titjir poetiku tiegħu jiżżejjen b'dak id-dawl tas-sema li ma jmut qatt; f'*La Maison sur la Colline* fejn, fl-immaġinativa qawwija tal-Musa tiegħu, is-Sabiħ u s-Sewwa, ippersonifikati

f'Bu Ras, huma l-għedewwa rebbieħa tad-Dlamijiet tal-Qiegħ—dawn iż-żewġ sentimenti li jeħilsu l-Musa tiegħu mill-Qabar tal-Mewt; fl-*Appel*, fejn il-poeta jgħaqqad b'idejjiet metaforiċi u mżewqin il-mitoloġija reliġjuża Indjana mat-Tagħlim Nisrani—li fihom naraw il-figura ta' Mosè jitkellem ma' Alla u jitolbu għajnuna lil Ibnu biex jeħles il-Bniedem mill-Mewt ta' ruħu.

Il-poeżija *La Prière a Hippone*, hija, kif semmejna l-isem tal-ktieb tal-poeta u biha l-Awtur jagħlaq il-ġabra tal-versi f'dan il-ktieb. Hija s-sintesi tas-sentimenti reliġjużi, spiirtwali u psikoloġiċi tal-Musa ta' l--Awtur —li fit-tifkirijiet tat-twissijiet ta' l-omm mejta jħoss li għadu dak l-iben Nisrani li għandu jerġa' lejn it-triq tas-Sewwa u jiftaħ għajnejh lejn dak id-Dawl tas-Sema li kien dawwal ir-ruħ u l-moħħ ta' Sant'Wistin, Isqof ta' Ippona (belt qadima fl-inħawi ta' Bona), bis-saħħa tal-kliem għaref u ħanin ta' Ommu—fi ftit kliem, poeżija tar-riġenerazzjoni tar-ruħ nisranjia.

Hekk il-poeta biex iferraħ ir-ruħ t'ommu fl-aħħar isellmilha:—

*Dors, maman, dan la paix de ton repos d'amour!*
*Dors, maman, dors en joie et parfaite esperance!*
*Dors, maman, dans le chant des colombes d'amour!*
*Dors, maman, dors en joie et parfaite esperance!*

..........................................................................

..........................................................................

*Allors, maman, comme autrefois, tendre et candide,*
*Nous prenant par la main, tu seras notre guide,*
*Et pleine de la foi d'Abraham, de Jacob,*
*To nous emmèneras, par la sentier de Job,*
*Vers la maison ou luit la lamp sept fois pure,*
*L'Amour, l-Amour unique, unique nourriture.*

Fil-poeżija ta' Ropa, kif konna osservajna drabijiet oħra, hemm l-oriġinalità li l-karatteristika tagħha huwa l-kliem sempliċii bi ħsieb sintetiku u metaforiku—din id-darba mhux mibni fuq ix-xenarju tal-ġnien tan-Natura imma fuq id-dehriet spiritwalistiċi ta' qalb li, magħsura mid-dwejjaq tad-dinja u miż-żmien, qiegħda tfittex dik il-paċi u dak il-mistrieħ li d-dinja ma tatux.

Jiġi wkoll illi fil-versi Ropjani l-fantasija għandha sehem hekk kbir li 'l hawn u 'l hinn iddennes is-sens, għalkemm iżżewwaq bi lwien mill-isbaħ l-idea poetika tas-suġġett. a. c.

**"ĠRAJJA TAL-MUŻIKA F'MALTA U GĦAWDEX"** — Ta' Rob. Mifsud Bonnici. Malta. Giov. Muscat, 1954. Paġ. 102.

Wieħed min-nuqqasijiet fil-letteratura Maltija huwa l-għadd żgħir ta' xogħlijiet fuq arti u xjenza. Dawn il-kotba jagħmlu ġid bla tarf fost il-poplu għax ma humiex miktubin biex iderru jew jgħaddu ż-żmien biss iżda l-aktar biex jiftħu l-moħħ, igħallmu u jedukaw. Kotba ta' dix-xorta huma meħtiġin kullimkien iżda wisq iżjed f'pajjiżna fejn, ingħiduha bejnietna, bosta mill-kotra tagħna għadhom lura wisq f'dak li hu tagħlim u edukazzjoni.

Is-Sur Robert Mifsud Bonnici ma għandniex bżonn nintroduċuh lill-qarrejja Maltin. Huwa magħruf mhux biss minnhom iżda mill-poplu

kollu għax bil-kitba u bix-xandir dlonk jisħaq fuq it-tagħlim morali u soċjali tal-poplu. Minn idejh ħarġu bosta kotba reliġjużi u profani u kollha kienu milqugħin tajjeb ħafna mill-kritiċi u, dak li aktar isarraf, mill-qarrejja. Dan il-ktieb ma jagħmilx għajb lil ta' qablu għax fih dak kollu li jsawwar ktieb tajjeb: interess, tagħlim u gost.

Il-Maltin għandhom ġibda naturali għall-mużika u din il-ġibda tieħu għamla konkreta fil-baned mużikali li twaqqfu f'kull belt u raħal ta' Malta. Dawn il-għaqdiet mużikali jieħdu sehem kbir fil-ħajja ta' niesna għax madwarhom jiġbru l-kotra tan-nies u fl-irħula huma l-qofol tax-xejriet, tat-tqanqiliet u tal-ġrajjiet li jinbtu fost in-nies. Ċentri bħal dawn messhom ilhom li ġibdu l-attenzjoni tal-għorrief u tal-mexxejja tagħna imma ried ikun is-Sur Robert biex jurina x'isarrfu fil-ħajja nazzjonali tagħna. Għalhekk biss l-awtur ħaqqu kull ġieħ; imma hu ma kitebx dan il-ktieb biex ifisser il-qagħda tal-baned mużikali iżda wkoll u, forsi b'enfasi sħiħa, biex jagħti lezzjoni kif għandhom ikunu mmexxijin dawn iċ-ċirkoli u għaqdiet ta' mużika ħalli jisfaw ta' ġid, ta' tagħlim u ta' fejda lill-membri tagħhom.

Is-Sur Mifsud Bonnici kiteb hekk: "Ċirkolu ta' Banda jew Orkestra għandu jkun magħruf u miżmum bħala Istitut ta' tagħlim, ta' l-arti mużikali u ta' edukazzjoni". Dan hu t-tema li fuqu saħaq l-awtur u biex iħaqqaq dan il-prinċipju huwa wera kemm huma ta' ħsara u kemm huma koroh il-partiti boloh, il-mibegħda, it-tixwix u l-għelt li jeżistu f'xi ċirkoli tal-baned. Dawk mhux talli qatt ma swew ta' ġid iżda aktarx dejjem ġiebu firda, ħsara u sfrattu fost il-baned. Minn dan il-ktieb nitgħallmu d-deni kbir li ġarrbet il-Mużika f'Malta ħtija ta' partiti boloh u fiergħa.

Barra l-element istruttiv, il-ktieb fih element storiku u element ieħor bijografiku. L-awtur xejn ma jħarref iżda kulma jikteb hu bażat fuq riċerki, dokumenti jew tradizzjoni ta' min jorbot fuqhom. Jiena ngħid għalija tgħallimt ħafna ħwejjeġ minn dan il-ktieb u hekk jitgħallmu wkoll dawk li jħobbu jikkoltivaw l-arti ħelwa tal-Mużika u l-iżvilupp tagħha fil-Gżejjer tagħna. Ma jmissux ikun hawn bandist jew soċju f'ċirkolu ta' banda li ma jiksibx kopja għax, biex ngħid hekk, dan il-ktieb għandu jkun il-*vade mecum* tagħhom.

Din il-"Ġrajja tal-Mużika" hija segwitu ta' żewġ opri oħra ta' l-istess awtur: "Maestri di Cappella" u "Mużiċisti u Kompożituri Maltin". Dawn it-tliet kotba, bl-oħrajn li ġejjin warajhom, għad ikunu għajn ta' tagħrif fuq kulma wieħed jixtieq jitgħallem dwar il-qagħda tal-mużika f'Malta u Għawdex. Opra bħal din tagħmel ġieħ mhux biss lill-awtur iżda lilna l-Maltin kollha għalhekk jixraq, biex ma ngħidx jeħtieġ, li aħna nagħmlulu l-qalb billi nixtru malajr dawn il-kotba li ħarġu s'issa għax jekk mhux għal ħaġ'oħra biex inżejnu l-librerija tagħna u taċ-ċirkoli tagħna b'opri sbieħ, siewja, stampati tajjeb, mimlija stampi u ta' daqs pulit. G.

**"IS-SANTWARJU TAL-KARMNU"** — Ta' Pad. Lawrenz M. Sammut, O.Carm. — Progress Press, Valletta, 1952. Paġ. 275.

Dan il-ktieb nistħajlu nkiteb mhux biss bħala tifkira tal-festi ċente-

narji tal-Labtu tal-Karmnu iżda wkoll bħala tħejjija għas-Sena Marjana f'Malta, għax id-devozzjoni lejn il-Madonna tal-Karmnu f'pajjiżna hi l-espressjoni l-aktar għolja tal-qima tagħna lejn Ommna Marija. F'dan il-ktieb wieħed isib kulma jixtieq fuq id-devozzjoni u fuq il-kult ta' Sidtna Marija tal-Karmelu għax għalkemm it-titlu tal-ktieb hu s-Santwarju tal-Karmnu, fih tagħrif u storja mhux biss fuq dak is-santwarju tal-Belt, imma wkoll fuq kull knisja, kunvent, kappella u konfraternita, qodma u ġodda, tal-Madonna tal-Karmnu u l-Ordni Tagħha.

L-awtur jidher li fittex u qalleb ħafna dokumenti u għamel riċerki storiċi u tradizzjonali l-aktar fejn jolqot it-twaqqif ta' l-Ordni f'Malta u l-ewwel żmien tiegħu f'din il-Gżira. Din ma hix biċċa xogħol ħafifa, l-aktar meta wieħed jikkunsidra li l-Ordni ilu fuq is-sitt mitt sena f'pajjiżna. imma l-awtur bis-sabar u bil-għaqal għaraf jistħarreġ u jifli l-materjal kollu biex ħareġ biss dak li hu sewwa u ta' min jorbot fuqu.

L-awtur jiġbed fit-tul fuq is-Santwarju tal-Belt, u dan bir-raġun, għax dak is-santwarju hu l-aqwa knisja Karmelitana f'Malta u fih saret l-akbar ġrajja li tagħmel ġieh lill-Ordni f'pajjiżna: l-inkurunazzjoni tal-Madonna u t-twaqqif tal-bażilika. Ta' min jaqra dan il-ktieb jekk mhux għal ħaġ'oħra biex ikun jaf kulma sar u ġara fil-festi ta' l-inkurunazzjoni li kienu ħadu xejra ta' festi nazzjonali. Kif kiteb l-awtur "żgur li Malta qatt ma rat jum hekk sabiħ u ta' ferħ daqs dak il-jum (ta' l-inkurunazzjoni) li jibqa' mingħajr dubju miktub għal dejjem fl-annali ta' din il-Gżira mbierka".

Imma, kif għidna, l-awtur ma jillimitax ruħu għas-Santwarju tal-Belt biss imma jagħtina tagħrif u jikteb il-ġrajja tal-knejjes u l-kunventi oħra u ta' dak kollu li għandu x'jaqsam mad-devozzjoni tal-Karmnu f'Malta u Għawdex, u għalhekk dan il-ktieb hu ta' siwi kbir għall-istorja ekklesjastika ta' pajjiżna u 'l quddiem għad iservi ta' riferenza meta jiġu biex jiktbu l-istorja tal-Knisja f'Malta.

Il-ktieb jagħlaq b'deskrizzjoni twila u mħeġġa tal-festi li saru sentejn ilu f'Malta u Għawdex. Dawn il-festi kommemorativi tas-seba' ċentinarju tal-Labtu tal-Karmnu għaġġbu lil kulħadd bid-devozzjoni u l-fervur li l-poplu wera fihom u bħall-festi ta' l-inkurunazzjoni qanqlu xejra ta' mħabba u qima lejn il-Madonna fost il-poplu tagħna kollu. Dawk il-festi kienu l-okkażjoni ta' ġrajja unika fl-amministrazzjoni tal-pajjiż: il-ħarġa ta' bolli kommemorativi bix-xbieha tal-Madonna tal-Karmnu tal-Belt, "waħda mill-iktar tifkiriet sbieħ li sa jibqa' f'dan is-seba' ċentinarju tal-Labtu mqaddes tal-Karmnu".

Fl-aħħarnett l-awtur ħaqqu kull tifħir għax b'għaqal kbir għaraf mill-ġrajja ta' l-Ordni Karmelitan f'Malta jagħti għamla u sura l-aktar ħajja tad-devozzjoni kbira tal-Maltin lejn il-Madonna tal-Karmnu.

G.

**"PESTA SOĊJALI"** — Ta' M.A. Scalpello Borg. Lux Press. Ħamrun, 1954. Paġ. 54.

Ir-rumanz modern ta' stil realistiku ftit għadu deher fil-letteratura Maltija. Il-"Pesta Soċjali" sa jimla dan in-nuqqas u meta joħroġ kollu għad ikun kawża ta' bosta għajdut u kummenti għax fih hemm impinġijin il-kruha tad-drama tal-ħajja soċjali ta' żmienna.

L-awtur, li diġà nafuh b'mezz tal-poema tiegħu l-"Għanja tad-Dmugħ", għandu stil u xejra għalih innifsu. Hu jagħmel enfasi fuq l-imrar u d-dwejjaq tal-ħajja u donnu jespandi t-tbatija filwaqt li jiskarta l-pjaċiri u l-frugħa li jgħaddu donnhom ħolma u jħallu swied il-qalb akbar u eqqel. Fil-karattri ta' Bontempone u Bartilmew nilmħu antitesi l-aktar spikkanti tat-tendenzi u ta' l-attitudini tal-kotra moderna; ir-relazzjonijiet ta' dawk iż-żewġ persunaġġi huma simboliċi tas-sentimenti tan-nies tal-lum.

Forsi l-qarrej josserva li r-rabta tal-ħsieb fil-ġrajja hi xi ftit maħlula, imma dan ma jistax jonqos għax l-awtur għandu d-drawwa li jaqbad argomentar u spekulazzjonijiet filosofiċi dwar l-imġiba bejniethom tal-bnedmin. Hu jagħmel dan għax iħoss ruħu mqanqal minn sentimenti umanitarji u minn xewqa qawwija li jammonixxi u jeleva l-umanità. Id-deskrizzjonijiet għall-ewwel jidhru twal u mġebbdin, iżda din hi karatteristika ta' l-awtur li jespandi u jinnota fuq irqaqat li jagħtu kulur u enfasi lis-suġġett.

Kollox fuq kollox, dan hu rumanz li ma tistax taqrah biex tgħaddi ż-żmien biss, imma jġagħlek taħseb u timmedita fuq il-problemi tal-ħajja, imisslek qalbek u tħoss ripunjanza lejn ix-xejra bla sens u bla ħniena tas-sistema soċjali tal-lum.

Din hi l-ewwel taqsima, warajha joħorġu tliet taqsimiet oħra u l-erba' flimkien jagħmlu rumanz modern ta' valur u ta' interess kbir. Il-qarrejja Maltin kollha jmisshom jixtru dan il-ktieb mhux biex jagħmlu ħila lill-awtur biss iżda biex jakkwistaw opra preġevoli u istruttiva għal-librerija tagħhom. G.

## QWIEL TAL-BIEDJA

Sħab (jew sema) qoxret il-fekruna jew xita bil-qliel jew riħ fortuna.

L-iswed (sħab) ibażża' u l-abjad ixabba'.

Xemx miblula taħraq.

San Mattew qtigħ ir-rummien u żrigħ it-tewm.

Ilbiċ jiddi u ġid.

Sant'Andrija nofs il-miżirgħa miżrugħa u nofs il-mitimgħa mitmugħa *jew* nofs il-muna mitmugħa.

Lvant jimla l-vagant.

It-tin aħżnu fir-riħ fuq.

San Bartilmew jieħu l-imfietaħ tax-xita.

San Xmun iżra' niexef jew miblul.

Is-sajf ta' San Martin — Il-biedja tifraħ bih.

Il-qamħ f'Santa Katrini — It-tiben u t-tgħam jagħtini.

Zokk ta' fiġel iktar ma jikber iktar jixraq.

Aħjar kromba bagħlija minn mija saqwija.

PREZZ: 1s.